# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea
# Qasam C: In-Nisa u s-Saħħa

## Il-Kuntest tal-Politika

Is-saħħa tkopri l-benesseri fiżiku, mentali u soċjali kif ukoll assenzi minħabba mard u infermità, u hija determinata mill-kuntest soċjali, politiku u ekonomiku tal-ħajja tan-nies, kif ukoll mill-bijoloġija (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa). Is-saħħa hija qasam importanti ta' inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel minħabba l-aċċess differenti u inugwali għar-riżorsi bażiċi tas-saħħa u għall-użu tagħhom. Fl-istess ħin, in-nisa huma esposti għal ċerti riskji tas-saħħa assoċjati mas-sesswalità u r-riproduzzjoni. In-nisa huma ukoll f'riskju ta' konsegwenzi tas-saħħa negattivi assoċjati mal-faqar u d-dipendenza ekonomika, l-esperjenza ta' vjolenza u d-diskriminazzjoni.

**Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza u s-Saħħa fil-Politiki kollha (Ġunju 2010), il-Kunsill:**

- Esprima tħassib dwar id-differenzi fl-istatus tas-saħħa bejn l-Istati Membri tal-UE u l-vulnerabilità għal problemi ta' saħħa ta' ċerti gruppi ta' persuni.
- Irrikonoxxa li s-servizzi tas-saħħa waħedhom mhumiex biżżejjed biex jimmassimizzaw il-potenzjal tas-saħħa u jindirizzaw l-inugwaljanzi.
- Stieden l-Istati Membri jiżviluppaw politiki u azzjonijiet biex inaqqsu l-inugwaljanzi, jottimizzaw il-ġbir tad-dejta u l-għarfien u jtejbu l-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika.

**Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE adottata f'Marzu 2011**

- Enfasizzat il-valuri u l-prinċipji komuni bħall-aċċess għal kura ta' kwalità għolja, l-ugwaljanza u s-solidarjetà u tenniet mill-ġdid li s-saħħa hija influwenzata mis-sess tal-persuna.
- In-nisa għadhom sotto-rappreżentati fil-provi kliniċi, u jsofru minn konsegwenzi tas-saħħa relatati mal-vjolenza.
- Talbet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-prevenzjoni tal-mard, il-promozzjoni tas-saħħa u s-servizzi tal-kura tas-saħħa u jnaqqsu l-inugwaljanzi bejn il-gruppi soċjali u ta' etajiet differenti.

Fi Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet il-Komunikazzjoni dwar il-Pakkett tal-Investiment Soċjali fejn irrikonoxxiet ir-rwol tas-sistema tal-kura tas-saħħa fl-iffaċilitar tal-objettivi ta' tkabbir inklużiv fl-Istrateġija Ewropa 2020.

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**C.1.** Li jiżdied l-aċċess tan-nisa matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha għal kura tas-saħħa, informazzjoni u s-servizzi relatati adatti, affordabbli u ta' kwalità.

**C.2.** Li jissaħħu l-programmi preventivi li jippromwovu s-saħħa tan-nisa.

**C.3.** Li jitwettqu inizjattivi sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi li jindirizzaw il-mard trażmess sesswalment, l-HIV/AIDs, u kwistjonijiet tas-saħħa sesswali u riproduttivi.

**C.4.** Li jippromwovu r-riċerka u t-tixrid ta' informazzjoni dwar is-saħħa tan-nisa

**C.5.** Li jiżdiedu r-riżorsi u jiġi ssorveljat is-segwitu għas-saħħa tan-nisa.

It-tliet indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-qasam kritiku ta' tħassib kienu adottati matul il-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE fl-2006. Dawn jiffokaw fuq l-ewwel objettiv strateġiku, jiġifieri l-aċċessibilità u l-kwalità tal-kura tas-saħħa għan-nisa, u jħarsu lejn is-snin ta' ħajja b'saħħitha (indikatur 1), l-aċċess għall-kura tas-saħħa (indikatur 2) u l-mard kardjovaskulari (indikatur 3). Is-suġġetti prinċipali relatati ma' ħafna mill-objettivi tiegħu, bħall-effetti ta' skemi ta' prevenzjoni fuq is-saħħa tan-nisa, għalhekk jeħtieġu iżjed riċerka.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content /women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### Il-mard kardjovaskulari qiegħed jonqos bħala l-kawża ta' mortalità fost in-nisa

Il-mard kardjovaskulari għadu l-kawża ewlenija tal-mortalità kif ukoll tad-diżabilità u l-morbidità fost in-nisa fl-Ewropa. Madwar nofs l-imwiet fl-UE huma kkawżati minn mard kardjovaskulari.

Il-mard koronarju tal-qalb (CHD) huwa l-kawża l-aktar komuni ta' mewt fost il-mard kardjovaskulari fl-UE, li jammonta għal 13 % tal-imwiet fin-nisa u 15 % fl-irġiel. Il-puplesija, marda ċerebrali vaskulari, hija t-tieni kawża l-aktar komuni ta' mewt fost il-mard kardjovaskulari fl-UE; 11 % min-nisa u 8 % mill-irġiel mietu minn puplesija fl-UE fl-2010. Fl-Istati Membri kollha tal-UE, il-perċentwal ta' mwiet ta' nisa bħala riżultat ta' puplesija huwa ogħla minn dak tal-irġiel. B'mod ġenerali, il-perċentwal ta' mwiet ta' nisa relatati mal-puplesija, bħala perċentwal tal-kawżi kollha ta' mwiet, naqas fil-maġġoranza tal-Istati Membri sa mill-2007.

Bejn l-2007 u l-2010, il-perċentwal ta' mwiet ta' nisa bħala riżultat ta' mard kardjovaskulari, bħala perċentwal tal-kawżi kollha ta' mwiet, naqas ftit fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

**MARD KARDJOVASKULARI, 2010**




*Sors:* Eurostat, Kawżi ta' mewt

### Iż-żieda fl-imġiba mhux tajba għas-saħħa fin-nisa hija theddida għal stennija tal-għomor itwal

L-istennija tal-għomor tan-nisa ilha tiżdied fl-UE u taqbeż dik tal-irġiel. Fl-istess ħin, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm tnaqqis notevoli fid-disparità bejn is-sessi; l-aktar favur l-irġiel. Iż-żieda fir-rata tat-tipjip u l-kanċer tal-pulmun fost in-nisa, flimkien mal-parteċipazzjoni baxxa fl-isports, jista' jkun li kkontribwew għat-tnaqqis fid-disparità bejn is-sessi fl-istennija tal-għomor. Il-mortalità mill-kanċer tas-sistema respiratorja, pereżempju, żdiedet bi kważi 70 % għan-nisa sa mill-1970.

### Minkejja stennija tal-għomor itwal, in-nisa jqattgħu parti akbar minn ħajjithom b'diżabilità u bi problemi tas-saħħa

Bejn l-2007 u l-2010, il-medja tas-snin ta' ħajja b'saħħitha baqgħet stabbli għal 63 u 62 sena mat-twelid għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fl-UE-27. Mill-2010 sal-2012, kien hemm tnaqqis żgħir fil-medja ta' snin ta' ħajja b'saħħitha għan-nisa (minn 63 għal 62), kif ukoll għall-irġiel (minn 62 għal 61).

Għall-istess perjodu (2007-2010), is-snin ta' ħajja b'saħħitha mat-twelid bħala perċentwal tal-istennija tal-għomor totali naqsu kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel b'1 p.p. fil-livell tal-UE. Bħala medja, in-nisa jqattgħu 76 % tal-ħajja tagħhom mingħajr diżabilità, filwaqt li għall-irġiel dan il-perjodu jestendi għal 80 %. Minħabba li l-istennija tal-għomor fl-UE ilha tiżdied b'mod stabbli kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel sa mill-1980 — bin-nisa li għandhom stennija tal-għomor ta' 80 sena jew iżjed fil-biċċa l-kbira (19) tal-Istati Membri — dan jindika xejra inkwetanti, għaliex in-nisa qegħdin jiffaċċjaw żieda fl-ammont ta' żmien li jagħmlu b'diżabilità u bi problemi tas-saħħa.

**L-ISTENNIJA TAL-GĦOMOR U S-SNIN TA’ ĦAJJA B’SAĦĦITHA (SĦS) GĦAN-NISA U L-IRĠIEL FL-UE, 2007-2012**




*Sors:* Eurostat, Statistika tas-saħħa

**In-nisa għandhom ftit aktar probabbiltà mill-irġiel li jaraw kemm tiswa’ l-kura tas-saħħa bħala ostaklu għall-aċċess għaliha**

Fl-2012, ma kienx hemm ebda differenza sinifikattiva bejn in-nisa u l-irġiel f’termini ta’ ħtiġijiet mhux sodisfatti għal eżamijiet mediċi (7 % tan-nisa; 6 % tal-irġiel) u ħtiġijiet dentali mhux sodisfatti (7 % tan-nisa; 7 % tal-irġiel) fil-livell tal-UE. Dawn id-differenzi jsiru aktar evidenti fil-livell tal-Istati Membri, fejn ir-rati ta’ nisa li ddikjaraw ħtiġijiet mediċi mhux sodisfatti kienu tal-anqas 2 p.p. ogħla mir-rati tal-irġiel, li jvarjaw minn 2 għal 4 f’ħames Stati Membri. Meta mqabbla mal-2007, il-ħtiġijiet għal eżamijiet mediċi mhux sodisfatti żdiedu ftit kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel fil-livell tal-UE fl-2012.

F’termini ta’ raġunijiet għaliex il-ħtiġijiet għal eżamijiet mediċi ma ġewx sodisfatti, kemm jiswew (“għaljin wisq”) jiddifferenzja bejn in-nisa u l-irġiel, għaliex 3 % tan-nisa u 2 % tal-irġiel taw din ir-risposta fl-2012; għalkemm din tirrappreżenta differenza żgħira. Dawn il-figuri huma fil-biċċa l-kbira komparabbli mas-sitwazzjoni tal-2007.

## Inizjattivi utli:

**Il-prevenzjoni u d-dijanjosi bikrija** naqqsu l-mortalità tan-nisa kkawżata minn tipi speċifiċi ta’ kanċer: skrinjar mingħajr ħlas għall-kanċer tas-sider u ċervikali kien stabbilit f’diversi Stati Membri (BE, DK, DE, EE, IE, FR, HR, CY, LV, LT, HU, SI), u barra minn hekk, ħafna Stati Membri introduċew tilqim mingħajr ħlas kontra l-Vajrus tal-Papilloma Uman għal bniet żgħar (li għandhom bejn it-12 u l-14-il sena) għall-prevenzjoni tal-kanċer ċervikali (BE, DK, IE, FR, CY, HU, MT, PT, RO). Ir-rapporti tal-Istati Membri lill-UNECE juru tnaqqis f’infezzjonijiet ġodda tal-HIV/AIDS u mard trażmess sesswalment kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel f’diversi Stati Membri tal-UE, li jindika s-suċċess tal-programmi ta’ prevenzjoni. Ċerti pajjiżi żviluppaw kampanji, siti web jew materjali informattivi (bħal browxers, pamflets, fuljetti u kotba żgħar) għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-HIV/AIDS (BG, DK, DE, EE, FR, HR, CY, LT, PT, RO). B’mod parallel, ġew organizzati ttestjar u konsulenza mingħajr ħlas u ġew żviluppati u mwettqa programmi ta’ edukazzjoni sesswali (BE, DK, EL, HR, CY, PT, SK).

F’dawn l-aħħar snin, ħafna Stati Membri żviluppaw programmi u pjanijiet ġodda dwar **is-saħħa tal-omm**. Il-konsulenza u l-kura ta’ qabel it-twelid offruti lin-nisa tqal kollha, fil-maġġoranza tal-każijiet mingħajr ħlas, huma eżempju ta’ dan (BE, DE, EE, HR, CY, PL, RO, SI). Miżuri oħra li ttieħdu kienu l-promozzjoni tat-treddigħ, appoġġ lin-nisa fit-treddigħ u l-ħolqien ta’ sptarijiet b’ambjent favorevoli għat-trabi (CY, HU, RO). Fil-Polonja, l-iżvilupp tal-iskoperta bikrija naqqas ir-rata ta’ mortalità perinatali minn 7.2 % fl-2009 għal 6.5% fl-2012. Eżempju tajjeb ieħor huwa ż-żieda fil-konsultazzjonijiet dwar l-ippjanar tal-familja u t-titjib fl-aċċessibilità għal metodi ta’ kontraċezzjoni b’mod speċjali għal nisa żgħażagħ sabiex jitnaqqsu l-aborti legali (BG, DK, DE, IT, CY, LT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK). Fi Stati Membri oħra, bħal Franza, in-numru ta’ aborti ilu stabbli sa mill-2006 u hemm prevalenza għolja tal-użu tal-kontraċettivi.

Ħafna Stati Membri żviluppaw **miżuri biex itejbu l-aċċess għas-servizzi ta’ kura tas-saħħa** u l-informazzjoni għal ċerti gruppi marġinalizzati ta’ nisa bħal nisa b’diżabilitajiet, nisa rurali jew nisa minn komunitajiet etniċi differenti (BE, CZ, DK, DE, EL, LT, PT, RO). L-impenn biex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-sistema tal-kura tas-saħħa lill-popolazzjoni sħiħa kien enfasizzat fil-BG, DK, DE, EE, IE, CY, LT, MT, PL, PT, SI, FI permezz tal-benefiċċji tal-kura tas-saħħa mogħtija permezz ta’ skema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika.

**PROGRESS U OSTAKLI FIL-QASAM C: IN-NISA U S-SAĦĦA**

| AVVANZI | OSTAKLI |
|---|---|
| • L-istennija tal-għomor fl-UE qiegħda tiżdied fost in-nisa u l-irġiel.<br>• Is-snin ta' ħajja b'saħħitha żdiedu fi 15-il Stat Membru.<br>• B'mod ġenerali n-nisa u l-irġiel jgħidu li għandhom aċċess tajjeb għall-kura tas-saħħa u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu sodisfatti.<br>• B'mod ġenerali s-sehem ta' mwiet minn mard kardjovaskulari naqas. | • Id-disparità bejn is-sessi fl-istennija tal-għomor qed tonqos bil-mod.<br>• L-istennija tal-għomor tan-nisa żdiedet b'rata aktar baxxa, minħabba l-bidliet fl-istil tal-ħajja mhux tajbin għas-saħħa.<br>• Is-snin ta' ħajja b'saħħitha naqsu ftit fil-livell tal-UE u huma aktar baxxi għan-nisa.<br>• Kemm tiswa l-kura tas-saħħa jfixkel l-aċċess tan-nisa aktar minn tal-irġiel.<br>• In-nisa għandhom aktar probabbiltà li jmutu minħabba mard kardjovaskulari mill-irġiel.<br>• L-indirizzar tas-saħħa mill-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi tibqa' sfida prinċipali. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Is-saħħa teħtieġ tkun indirizzata kemm mill-perspettiva tas-sessi kif ukoll tal-ugwaljanza bejn is-sessi, biex jiġi żgurat li l-kawżi sottostanti tad-differenzi fis-sitwazzjonijiet tas-saħħa u l-prevalenza tal-mard jinftiehmu aħjar.
- Li tindirizza l-aċċess u d-dritt tan-nisa għas-saħħa riproduttiva bħala ċentrali għall-ħajja tan-nisa u li tittratta l-isfida ta' nuqqas ta' kunsens fl-Istati Membri, rigward il-kontraċettivi u l-abort.
- Li tiżgura li l-kura tan-nisa anzjani u b'diżabilità tiġi indirizzata b'mod ugwali kemm f'termini tat-tnaqqis fis-snin ta' ħajja b'saħħitha kif ukoll taż-żieda fl-istennija tal-għomor, għaliex dawn jiffaċċjaw riskji ogħla ta' abbuż u/jew ta' negliġenza.
- Li tivvaluta l-fatturi determinanti tas-saħħa mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex tindirizza x-xejriet li qegħdin jinbidlu fl-istatus tas-saħħa u ż-żieda fil-problemi tas-saħħa fost in-nisa.
- Li tagħti prijorità lill-ġbir tad-dejta f'dan il-qasam sabiex tkun tista' titwettaq valutazzjoni.
- Li tittratta l-ostakli ġenerali u speċifiċi li n-nisa jiffaċċjaw fejn huwa kkonċernat l-aċċess għall-kura tas-saħħa (eż. l-ispejjeż).
- Li tiżgura li jkun hemm aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa għal kulħadd (eż. għal nisa migranti).

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N